MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 977/2009

**L-Avukat Peter Fenech, ghan-nom u in rappresentanza tal-Consortium Norcontrol It Limited Ericsson Microwave Systems AB**

***kontra***

**Dipartiment tal-Kuntratti**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors mahluf prezentat fit-12 ta` Ottubru 2009 li jaqra hekk –

*1. Illi l-consortium rikorrenti kienet sottomettiet tender mahrug mid-dipartiment intimat avviz 157/2005 sabiex tforni u tinstalla Malta Traffic Management Information System komunement maghruf bhala VTMIS, minn liema sejha ghall-offerti hu kien gie skwalifikat minhabba allegat non osservanza tar-regoli ta` procedura fis-sottomissjoni tieghu ;*

*2. Li r-rikorrent nomine appella quddiem il-Bord tal-Appell tal-Kumitat aggjudikattiv tal-Kuntratti, il-Public Contracts Appeal Board, biss l-iskwalifika kienet ikkonfermata minn dan il-Board ;*

*3. Li r-rikorrent nomine hassu aggravat b`din id-decizjoni u ha l-kwistjoni quddiem il-Prim`Awla tal-Qorti Civili, fejn b`decizjoni taghha tat-3 ta` Marzu 2006 hija rrevokat id-decizjonjiet tal-kumitat aggiudikattiv tad-Dipartiment tal-Kuntratti kif ukoll tal-Board tal-Appell taghha u ordnat li r-rikorrenti nomine jerga` jitqieghed fil-process tal-ghazla daqs li kieku qatt ma kien gie skwalifikat ;*

*4. Illi d-Dipartiment tal-Kuntratti hassu aggravat b`din id-decizjoni u appella minnha quddiem il-Qorti tal-Appell fejn b`decizjoni moghtija fis-27 ta` Gunju 2008 ikkonfermat is-sentenza fl-intier taghha ;*

*5. Illi d-Dipartiment tal-Kuntratti ma tax kaz ta` din id-decizjoni anke minhabba li hu kien baqa` ghaddej bil-process tal-ghazla u kien, sakemm il-proceduri kienu gew decizi finalment, gja kkuntratta ma` appaltatur iehor ghall-imsemmi xoghol ;*

*6. Illi wara din id-decizjoni r-rikorrent nomine pprova kemm-il darba jilhaq transazzjoni mal-intimat u l-Awtorita` Marittima Maltija izda dan kien kollu ghalxejn u*

*sal-lum ir-rikorrent nomine ghadu ma giex kumpensat ghad-danni li sofra rizultat tal-eskluzjoni tieghu mill-process tal-aggudikazzjoni ;*

*7. Illi r-rikorrenti nomine sofra diversi danni minhabba l-eskluzjoni tieghu, kemm dawk diretti, kif ukoll dawk indiretti u ta` dan ghandu jigi kkumpensat ;*

*8. Illi l-intimat kien gie nterpellat ufficjalment jersaq ghal-likwidazzjoni tad-danni fit-3 ta` Ottubru 2009 izda baqa` inadempjenti ;*

*9. Ghalhekk kellha ssir din l-interpellazzjoni.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*1. Tiddikjara lid-Dipartiment intimata responsabbli ghad-danni li sofriet il-consortium rikorrenti meta giet eskluza mill-process ta` aggudikazzjoni.*

*2. Tillikwida d-danni kkawzati mid-Dipartiment intimata lil Consortium rikorrenti okkorrendo bin-nomina ta` tekniku nominat ghal dan il-fini.*

*3. Tikkundanna per konsegwenza lid-Dipartiment intimata thallas id-danni kawzati hekk likwidati lir-rikorrent nomine fi zmien qasir u perentorju.*

*Bl-imghax legali u bl-ispejjes kontra d-Dipartiment inimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa tal-attur nomine, il-lista tax-xhieda ndikati minnu u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors mahluf.

Rat ir-risposta mahlufa prezentata fid-9 ta` Novembru 2009 li taqra hekk –

*1. Illi preliminarjament, l-azzjoni odjerna hija preskritta u dan a tenur ta` l-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk l-istess ghandhom jigu michuda u dan ghas-segwenti ragunijiet li ser jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin :*

*(i) Illi s-socjeta` rikorrenti ma sofriet ebda danni u ghaldaqstant dak pretiz minnha fil-korp tar-rikors guramentat huwa merament ipotetiku u spekulattiv ;*

*(ii) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jehtieg li r-rikorrenti tispecifika x`tip ta` danni qed tippretendi u fi kwalunkwe kaz iggib prova dwarhom ;*

*(iii) Illi anki jekk l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell irrevokat id-decizjoni tal-Bord ta` l-Appell dwar il-Kuntratti Pubblici dan ma jaghtix lok awtomatikament ghal danni. Irid jirrizulta ness bejn l-azzjoni li qed isir l-ilment dwarha, il-konsegwenza ta` dik l-azzjoni u t-talba tas-socjeta` rikorrenti. Fl-umli oponjoni ta` l-esponent dan in-ness ma jirrizultax ;*

*(iv) Illi s-socjeta` rikorrenti ma kellha l-ebda garanzija li kienet l-offerta taghha li kienet ser tirbah il-kuntratt ;*

*(v) Illi in fatti hawnhekk jinghad li s-sentenzi tal-Prim`Awla u dik tal-Qorti ta` l-Appell wara li rrevokat id-decizjoni tal-Bord ta` l-Appell dwar il-Kuntratti Pubblici ordnat lill-esponent sabiex ipoggi r-rikorrent nomine fil-process tal-ghazla daqs li kieku qatt ma kien gie skwalifikat ;*

*Dan ma setax isir peress li l-process ta` selezzjoni u l-ghoti tal-kuntratt kien gie konkluz. Infatti b`referenza ghall-kumment tas-socjeta` rikorrenti fil-hames paragrafu taghha l-esponent jissottometti li huwa kien marbut bl-istess Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbligi senjatament ir-Regolament 84(19) li jkompli bl-aggudikazzjoni ta` l-istess sejha ghall-offerti.*

*3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mid-dipartiment konvenut.

Semghet ix-xiehda ta` Francis Attard u ta` John Galea fl-udjenza tat-8 ta` Marzu 2010.

Rat in-nota tal-attur noe li kienet prezentata fil-21 ta` April 2010.

Rat l-affidavits ta` l-attur noe (tnejn), ta` Jeffrey Walton, ta` Steve Guest (tnejn), ta` Fred Fredriksen u ta` Stffan Nordlof.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-13 ta` Jannar 2011 fejn inghalaq il-gbir tal-provi.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet tal-attur noe li kienet prezentata fl-4 ta` Marzu 2011.

Rat in-nota responsiva tal-konvenut li kienet prezentata fid-19 ta` April 2011.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-1 ta` Novembru 2011.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-1 ta` Novembru 2011 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Generali</u>**

Dik tal-lum hija azzjoni ghal danni. L-attur noe qieghed jikkontendi illi l-consortium attur garrab danni meta kien skwalifikat minghajr raguni valida mill-process tat-tender li kien hareg il-konvenut ghall-fornitura u stallazzjoni ta` Traffic Management Informations System (VTMIS). Skond l-attur noe, ir-responsabilita` ghal danni tal-konvenut fil-konfront tieghu gejja mill-fatt illi ghalkemm

sentenza moghtija fis-27 ta` Gunju 2008 mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-istess ismijiet (Citaz. Nru. 972/05) tat ragun lill-consortium attur, il-konvenut ma regax qieghed lill-consortium attur fil-process tal-ghazla ghall-fini tat-tender daqs li kieku qatt ma kien skwalifikat, ghaliex, sakemm baqghet pendenti l-kawza quddiem il-qrati ordinarji, it-tender kien aggudikat a favur ta` kuntrattur iehor.

Ladarba ghall-fini tal-istanza tieghu l-attur noe qieghed jistrieh fuq dak li kien deciz mill-qrati, din il-Qorti sejra tqis l-ewwel dawn id-decizjonijiet safejn dawn jolqtu l-istanza attrici tal-lum u l-eccezzjonijiet tal-konvenut inkluza dik tal-preskrizzjoni.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Is-Sentenza tal-Ewwel Grad</u>**
**(Av. Peter Fenech noe vs Dipartiment tal-Kuntratti**
**Citaz. Nru. 972/05 GC – Deciza fit-3 ta` Marzu 2006)**

Mill-premessi attrici f`dik il-kawza, jirrizulta li l-konvenut informa lill-consortium attur bl-iskwalifika tieghu mill-process tat-tender in kwistjoni b`ittra tad-**<u>19 ta` Lulju 2005</u>**. L-attur noe wiegeb b`ittra tieghu tal-21 ta` Lulju 2005 fejn oggezzjona ghall-iskwalifika. Il-kaz mar quddiem il-Bord tal-Appell Kuntratti Pubblici li b`decizjoni tieghu tal-31 ta` Awissu 2005 cahad l-appell tal-attur noe.

Ftit taz-zmien wara, fl-istess sena 2005, il-consortium stturipprezenta citazzjoni quddiem din il-Qorti fejn talab lill-Qorti sabiex –

*1. tiddikjara li l-offerta sottomessa mill-atturi kienet konformi mar-regolamenti li jirregolaw s-sejha imsemmija ;*

*2. tirrevoka s-sentenza tal-Bord tal-Appelli tal-31 ta` Awissu 2005*

*3. per konsegwenza tordna lill-konvenuti sabiex jirtiraw l-iskwalifika tat-tender tal-attur nomine li saret b` ittra tad-19 ta` Lulju 2005, u tkompli tipprocessa l-offerta taghha taht l-istess tender skond il-ligi ;*

***4. B`riserva ta` kull azzjoni ohra spettanti lill-attur nomine, senjatament dik ghad-danni.*** (enfasi u sottolinear ta` din il-Qorti).

L-attur noe zamm din ir-riserva wara li ppremetta li bl-eskluzjoni mit-tender, il-consortium attur kien qed isofri danni finanzjarji kbar.

Permezz ta` sentenza moghtija fit-**3 ta` Marzu 2006**, il-Qorti, wara li sabet illi l-konvenut ma kienx gustifikat li jirrifjuta u jiskwalifika l-offerta tal-attur noe, laqghet it-talbiet kollha attrici kif dedotti bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Ikkunsidrat :**

**IV. Is-Sentenza tat-Tieni Grad**
**(Av. Peter Fenech noe vs Dipartiment tal-Kuntratti**
**Citaz. Nru. 972/05 GC – Deciza fis-27 ta` Gunju 2008)**

Il-konvenut appella mis-sentenza.

Permezz ta` sentenza moghtija fis-**27 ta` Gunju 2008**, il-Qorti tal-Appell cahdet l-appell tal-konvenut u kkonfermat is-sentenza appellata bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Fost il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Qorti tal-Appell sabiex tichad l-appell kien hemm illi -

*Id-dipartiment konvenut isostni li t-tlett pakketti ghandhom ikunu huma wkoll issigillati, peress li skond is-subartikolu (2) tar-regolament 82, it-tieni pakkett ma jistax jinfetah qabel ma l-kontenut ta` l-ewwel pakkett ikun gie acettat mill-evaluation committee ; l-istess japplika ghat-tielet pakkett. Dan hu minnu, pero`, dan ma jfissirx li hu mehtieg ad validitatem li t-tlett pakketti jkunu ssigillati. Jekk l-ewwel pakkett ma jigix accettat, il-pakketti l-ohra, kif tghid il-ligi, "jigu mwarrba minghajr anqas biss jigu miftuha", u dan jista` jsir anke jekk il-pakketti ma jkunux issigillati individwalment.*

***Jidher li din l-esigenza giet introdotta fis-sistema minn xi ufficjal tac-civil li kien aktar mohhu fil-burokrazija milli fis- sustanza ! Hi x`inhi, jekk is-sigill hu mehtieg ghad-dipartiment, dan ir-rekwizit ghandu jirrizulta mir-Regolamenti applikabbli jew mill-Instructions relattivi, u mhux tibqa` fil-konfini tal-hitan tad-Dipartiment. Min ikollu l-esperjenza tad-dipartiment, isir jaf b`dan ir-rekwizit, pero`, meta s-sejha tkun miftuha ghall-pubbliku in generali, dan ghandu jirregola ruhu skond il-ligi u listruzzjonijiet li jinghata, u mhux b`xi esigenza interna li ma tkunx, ta` l-anqas, pubblicizzata u ngiebet ghall-attenzjoni ta` min hu interessat.***

***F`materja ta` procedura, ir-regoli jridu, sa certu punt, jigu segwiti ad unguem, izda hadd ma jista` jigi penalizzat talli jonqos li jsegwi procedura mhux determinata b`regolament ; huma r-regoli li jridu jigi segwiti, mhux xi prattika interna tad-dipartiment. F`gieh is-serjeta` u trasparenza, hadd ma ghandu jigi penalizzat u skwalifikat ghax ma jkunx segwa xi***

***regola li ma tkunx tirrizulta mil-ligi. Id-dipartiment jista, entro l-limiti tal-ligi, jirregola l-procedura interna tieghu b`certu mod, pero`, dawn iridu jkunu pubblicizzati u ma jistghux ikunu ta` pregjudizzju ghall-klijent li jkun segwa l-ligi u l-istruzzjonijiet moghtija lilu mill-istess dipartiment. Darba li l-pubbliku nghata struzzjonijiet dwar kif jixhet l-offerta tieghu, jekk isegwi dawk l-istruzzjonijiet, l-offerta ghandha titqies valida, u mhux mistenni li, wara li tinxtehet l-offerta, l-istess offerta tigi skwalifikata minhabba xi htiega li ma kenitx tirrizulta minn dawk l-istruzzjonijiet u lanqas minn qari logiku u bis-sens tal-ligi applikabbli.***

(enfasi ta` din il-Qorti)

**Ikkunsidrat :**

**V. <u>L-Eccezzjoni tal-Preskrizzjoni (Art. 2153 tal-Kap.16)</u>**

Il-konvenut qieghed jeccepixxi l-preskrizzjoni tas-sentejn ai termini ta` l-Art.2153 tal-Kap.,16 li jaqra hekk –

*L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b`reat taqa` bi preskrizzjoni bl-eghluq ta` sentejn.*

Ghax hija rilevanti kemm ghall-fini ta` din l-eccezzjoni, izda anke u fuq kollox minhabba l-qies tal-istanza fil-mertu, din il-Qorti sejra tikkunsidra l-ghamla ta` azzjoni li giet intavolata mill-attur noe sabiex tiddetermina jekk, apparti kull kwistjoni ta` prova tal-fondatezza o meno tal-eccezzjoni nnfisha, tistax tigi nvokata fil-kaz tal-lum l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tas-sentenza skond l-Art.2153.

Fis-sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. XXXVII.I.140,** jinghad illi jezistu tliet xorta ta` danni : (i) dawk derivanti minn delitt veru u proprju ; (ii) dawk l-ohra konnessi ma` htija akwiljana, u (iii) dawk dovuti naxxenti minn inadempjenza kontrattwali.

Fl-istess waqt huwa accettat fil-gurisprudenza illi din il-lista mhijiex ezawrienti ghaliex jezistu danni ohra abbinati mal-fazi prekontrattwali u, ghaliex le, mal-fazi ta` l-invit ghall-offerti.

Issa huwa veru dak li jinsab ritenut illi "*il rapporto giuridico nasce appena sorga il vincolo creatore della obbligazione ; e lo stesso vincolo si considera effetuarsi quando vi è l`unione della proposta e della accettazione, perche in quell momento si immedesimano in modo tale da creare il vincolo. L` offerta, pero`, perche possa produrre tale effetto così importante nel campo giuridico da costringere l` offerente alla precisa esecuzione della proposta da lui previamente fatta e in difetto, al risarcimento dei danni, deve essere precisa e determinate"* (ara **Kollez. Vol. XXVIII.I.629)**, fl-istess waqt pero`, fl-assenza ta` dan il-vinkolu, kapaci jinholoq dannu.

Jirrizulta li dik tal-lum mhijiex azzjoni ghal danni kontrattwali propju ghaliex il-partijiet qatt ma waslu ghal relazzjoni *ex contractu* bejniethom.

Ghalkemm l-attur noe, l-aktar fis-sottomissjonijiet tieghu tal-ahhar, ma jeskludix li l-azzjoni tieghu taqa` fil-kategorija ta` azzjoni ghal danni naxxenti minn htija aquiliana, din il-Qorti teskludi bl-aktar mod car u inekwivoku li hekk hu mhux ghaliex, kif jirrizulta mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell bejn l-istess partijiet fuq riferita, kif ukoll kif huwa evidenti mill-premessi tar-rikors guramentat tal-lum, l-azzjoni attrici mhijiex imsejsa fuq il-pretest ta` *culpa aquiliana* kif previst mill-Art.1031 u 1032(1) tal-Kap.16.

Li trid taccerta ruhha din il-Qorti huwa jekk il-consortium attur ghandux jedd ta` azzjoni ghal danni naxxenti minn *pre-contractual liability* kif del resto jiddikjara l-attur noe stess fis-sottomissjonijiet tieghu tal-ahhar.

Din il-Qorti sejra tistharreg `il quddiem jekk hemmx fondament guridika inkella le ghal azzjoni ta` *pre-contractual liability*. Fl-istess waqt pero` din il-Qorti tghid li ghal azzjoni ghal danni ghal allegata *pre-contractual liability* il-preskrizzjoni applikabbli hija dik fit-termini tal-Art.2153. Del resto, kif jirrizulta min-nota tieghu a fol 69, l-attur noe stess jaccetta li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik skond l-Art.2153, preskrizzjoni li pero` l-attur noe jikkontesta fil-mertu.

Sabiex tghid jekk l-eccezzjoni tirrizultax inkella le, din il-Qorti trid tqis ukoll disposizzjonijiet ohra li jaghmlu parti mit-**Titolu XXV tal-Kap.16 li jittratta *Fuq il-Preskrizzjoni*** u li fil-fehma taghha, fuq l-iskorta tal-provi akkwiziti, jista` jkollhom rilevanza ghall-kwistjoni de qua. Senjatament qeghda tirreferi –

Ghall-**Art.2131(1)** li jaqra hekk –

*Il-preskrizzjoni tinkiser b`talba gudizzjarja, ukoll jekk din it-talba ma tkunx giet innotifikata lill-konvenut minhabba li jkun nieqes minn Malta jew ghal xi raguni tajba ohra, basta li l-attur jissokta l-kawza kontra kuratur mahtur mill-qorti, bil-mod li jinghad fil-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili, u jiehu sentenza fuq dik it-talba.*

Ghall-**Art.2137** li jaqra hekk –

*Bla hsara ta` disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta` azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-*

*azzjoni tista` tigi ezercitata minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.*

Din il-Qorti sejra tghaddi biex tqis il-kwistjoni ta` minn meta skattat l-azzjoni ghad-danni.

Tghid dan ghaliex l-attur noe jikkontendi li l-azzjoni setghet tkun minnu ezercitata b`effett mid-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell bejn l-istess partijiet fuq riferita. In sostenn l-attur noe jaghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-9 ta` Marzu 1994 fil-kawza "**Xuereb vs Zammit**". Dik is-sentenza qalet hekk –

*… meta tkun sentenza tal-Qrati li tohloq id-dritt ta` azzjoni, isegwi, illi l-azzjoni gudizzjarja tista` tinbeda biss wara dik is-sentenza u li, wkoll, minn dik id-data tista` tibda tiddekorri l-preskrizzjoni. Mentri meta sentenza tkun semplicement dikjaratorja ta` x` kienet il-posizzjoni guridika korretta qabel beda l-procediment, allura, huwa daqstant iehor car li tali sentenza m`ghandha ebda rilevanza la ghal meta l-azzjoni tal-kreditur setghet tigi intavolata u konsegwentement, ghad-data li minnha bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni.*

Huwa principju tad-dritt illi d-data li taghti bidu ghall-preskrizzjoni hi determinabbli oggettivament u tibda tiddekorri mill-fatt tal-hsara (ara "**Scicluna vs Tracey**", deciza mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta` Gunju, 1900 (Vol.XVII.I.151) u "**Caruana vs Runza**", deciza minn din il-Qorti fis-7 ta` Mejju, 1999).

It-terminu tal-preskrizzjoni jista` jkun sospiz fil-kaz biss li jkun hemm impediment ta` dritt jew cirkostanza li jahseb ghaliha l-Art.2125, pero` mhux minhabba impediment ta` fatt, u dan in omagg ghall-principju li *contra non valentum agere non currit praescriptio* (ara "**Attard vs Fenech**", deciza mill-Qorti tal-Appell fit-12

ta` Frar, 1965, "**Xuereb vs Zammit**" [op. cit.] u "**Chircop vs Muscat**", deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta` April, 2000).

L-awturi **Baudry-Lacantinerie u Tissier** (*Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione* Cap XII, par 364 pag. 279.) jaffermaw illi –

*"Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e` nato il diritto o l`azione che e` destinata ad estinguere. . ."*

Izjed 'l quddiem (para. 393 bis, pag 306, op.cit.) ighidu hekk –

*"La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell`evento che fa nascere il diritto rimasto finallora puramente eventuale"*

Dan premess, u wara li qieset il-fatti u cirkostanzi tal-kaz tal-lum, din il-Qorti hija tal-fehma li, ghall-fini tal-Art.2137, l-azzjoni ghal danni setghet tigi ezercitata mill-attur noe b`effett mid-**19 ta` Lulju 2005** u cioe` id-data tal-ittra tal-konvenut Dok NCE1 li bis-sahha taghha l-consortium attur kien gie skwalifikat mill-process tat-tender u allkura garrab hsara (ara - **Kollez. Vol. XXVIII.I.726, Vol. XXIX.II.103, Vol. XXXVI.II.509 u Vol. XXXVII.I.622).**

Din il-Qorti sejra tghaddi issa biex tistharreg jekk tirrizultax pruvata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Art.2153.

Hu stabbilit fil-gurisprudenza illi min iqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju (Qorti tal-Appell – "**Holland noe vs**

**Chetcuti**" – 25 ta` Frar 2000). Sinjifikanti f`dan ir-rigward huwa dak li qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha ta` l-4 ta` Dicembru 1987 fil-kawza "**Causon vs Sheibani noe**" - "*Min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jaghmel prova sodisfacenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f`posizzjoni li tikkonstata jekk ilperijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le*".

Fil-kaz tal-lum, il-preskrizzjoni tas-sentejn bdiet tiskatta fid-19 ta` Lulju 2005. Fl-istess sena 2005, l-attur ipprezenta l-kawza fejn *inter alia* **irriserva** kull azzjoni spettanti lilu senjatament dik ghal danni. Il-kawza kienet deciza definittivament mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta` Gunju 2008. Din il-Qorti tghid illi l-presentata tal-kawza u r-**riserva specifika** tal-azzjoni ghal danni interrompiet il-perijodu ta` preskrizzjoni tas-sentejn sakemm kienet deciza il-kawza mill-Qorti tal-Appell. Mis-sentenza 'l quddiem, beda jiddekorri mill-gdid iz-zmien tal-preskrizzjoni. Jirrizulta li l-azzjoni ghal danni baqghet ma ghaddietx in preskrizzjoni ghaliex il-presentata tal-kawza tal-lum saret fit-12 ta` Ottubru 2009 u allura entro s-sentejn mill-interruzzjoni tal-prerskrizzjoni u kienet preceduta minn protest gudizzjarju li jirrizulta li kien notifikat lill-konvenut fit-3 ta` Ottubru 2008.

F`dak li ghadu kif inghad din il-Qorti ssib konfort fil-gurisprudenza li tghid illi r-riserva ta` dritt f`att gudizzjarju inkella f`talba gudizzjarja tinterrompi l-preskrizzjoni (ara – "**Bingham vs Walker**" – Qorti tal-Appell – 11 ta` Dicembru 1874 – Kollez. Vol. VII.229 ; "**Borg vs Grech et**" – Qorti tal-Appell – 22 ta` Dicembru 1948 – Kollez. Vol. XXXIII.I.695 ; "**Tabone vs Tabone et**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 28 ta` Novembru 1957 – Vol. XLI.II.1173 ; "**Cuschieri noe vs Mifsud noe**" (Qorti tal-Kummerc – 15 ta` Marzu 1973). Fil-kaz tal-lum, kien hemm interruzzjoni ghaliex kien evidenti mill-att tac-citazzjoni stess illi l-attur noe ried jikkonserva d-dritt tieghu (ara – *inter alia* – "**Grima vs Cassar Galea**" – Qorti tal-Appell – 16 ta` Dicembru 1966 – Vol.LI.346).

Din il-Qorti tghid ukoll illi huwa principju tad-dritt illi l-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jezisti dubbju dwar l-applikabilita` taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min jeccepixxi l-preskrizzjoni (**"Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited"** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta PA/JRM fit-12 ta` Ottubru 2004, u **"Ellul noe vs Vella noe"** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta` Mejju 2001).

**In vista tal-premess, din il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjoni skond l-Art.2153 tal-Kap.16.**

**Ikkunsidrat :**

**VI. L-ewwel talba**

Din il-Qorti sejra tghaddi issa ghall-konsiderazzjoni tat-talbiet attrici fil-mertu.

Fl-ewwel domanda, l-attur noe talab id-dikjarazzjoni ta` responsabilita` tal-konvenut ghal danni.

Din il-Qorti diga` eskludiet ghar-ragunijiet diga` moghtija illi seta` kien hemm responsabilita` da parti tal-konvenut ghal inadempjenza kontrattwali, extrakontrattwali jew *ex delicto*.

L-attur qieghed jinvoka responsabilita` pre-kontrattwali, li hija kontestata mill-konvenut.

Li sejra tistharreg issa din il-Qorti huwa jekk tistax tkun imputata lill-konvenut htija pre-kontrattwali li twassal ghal danni.

Il-pern kollu tal-istanza attrici hija s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta` Gunju 2008. Din il-Qorti sejra terga` ticcita l-bran saljenti –

*Id-dipartiment konvenut isostni li t-tlett pakketti ghandhom ikunu huma wkoll issigillati, peress li skond is-subartikolu (2) tar-regolament 82, it-tieni pakkett ma jistax jinfetah qabel ma l-kontenut ta` l-ewwel pakkett ikun gie acettat mill-evaluation committee ; l-istess japplika ghat-tielet pakkett. Dan hu minnu, pero`, dan ma jfissirx li hu mehtieg ad validitatem li t-tlett pakketti jkunu ssigillati. Jekk l-ewwel pakkett ma jigix accettat, il-pakketti l-ohra, kif tghid il-ligi, "jigu mwarrba minghajr anqas biss jigu miftuha", u dan jista` jsir anke jekk il-pakketti ma jkunux issigillati individwalment.*

***Jidher li din l-esigenza giet introdotta fis-sistema minn xi ufficjal tac-civil li kien aktar mohhu fil-burokrazija milli fis- sustanza ! Hi x`inhi, jekk is-sigill hu mehtieg ghad-dipartiment, dan ir-rekwizit ghandu jirrizulta mir-Regolamenti applikabbli jew mill-Instructions relattivi, u mhux tibqa` fil-konfini tal-hitan tad-Dipartiment. Min ikollu l-esperjenza tad-dipartiment, isir jaf b`dan ir-rekwizit, pero`, meta s-sejha tkun miftuha ghall-pubbliku in generali, dan ghandu jirregola ruhu skond il-ligi u l-istruzzjonijiet li jinghata, u mhux b`xi esigenza interna li ma tkunx, ta` l-anqas, pubblicizzata u ngiebet ghall-attenzjoni ta` min hu interessat.***

***F`materja ta` procedura, ir-regoli jridu, sa certu punt, jigu segwiti ad unguem, izda hadd ma jista` jigi penalizzat talli jonqos li jsegwi procedura mhux determinata b`regolament ; huma r-regoli li jridu jigi segwiti, mhux xi prattika interna tad-dipartiment. F`gieh is-serjeta` u trasparenza, hadd ma ghandu jigi penalizzat u skwalifikat ghax ma jkunx segwa xi***

***regola li ma tkunx tirrizulta mil-ligi. Id-dipartiment jista, entro l-limiti tal-ligi, jirregola l-procedura interna tieghu b`certu mod, pero`, dawn iridu jkunu pubblicizzati u ma jistghux ikunu ta` pregjudizzju ghall-klijent li jkun segwa l-ligi u l-istruzzjonijiet moghtija lilu mill-istess dipartiment. Darba li l-pubbliku nghata struzzjonijiet dwar kif jixhet l-offerta tieghu, jekk isegwi dawk l-istruzzjonijiet, l-offerta ghandha titqies valida, u mhux mistenni li, wara li tinxtehet l-offerta, l-istess offerta tigi skwalifikata minhabba xi htiega li ma kenitx tirrizulta minn dawk l-istruzzjonijiet u lanqas minn qari logiku u bis-sens tal-ligi applikabbli.***

Minn dan il-bran jinsorgi l-kwesit – ifisser illi ghax il-konvenut ma ppubblicizzax, huwa responsabbli ghal danni pre-kontrattwali ?

Qabel twiegeb ghall-kwesit, din il-Qorti trid tghid illi bil-fatt illi l-konvenut baqa` ghaddej bl-aggudikazzjoni tat-tender meta kienet ghadha pendenti l-kawza Citaz. Nru. 972/2005, huwa ottempera ruhu mal-legislazzjoni vigenti. Fi kwalunkwe kaz, ma jirrizultax li ttiehdet xi mizura kawtelatorja da parti tal-attur noe sabiex izzomm lill-konvenut milli jissokta mill-process tat-tender in kwistjoni fil-pendenza tal-kawza.

In kwantu jirrigwarda *pre-contractual liability,* irid jinghad li l-ezistenza ta` dan l-istitut fil-ligi taghna ghadu dubbjuz u mhux ben definit. Dan l-istitut ma giex introdott fil-Kodici Civili taghna bhal ma sar f`pajjizi ohra bhall-Italja u l-Germanja. Kien hemm kawzi fejn il-Qrati taghna dahlu f`din il-materja izda ma jistax jinghad li l-Qrati taghna hadu posizzjoni cara, netta, definita u inekwivoka ghaliex tidher b`mod generali r-riluttanza tal-Qrati taghna li jaccettaw b`mod inkondizzjonat materja li mhix kodifikata.

L-ewwel kaz fejn din il-kwistjoni giet trattata kien fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fil-5 ta` Mejju 1967 fil-kawza "**Giuffrida vs Borg Olivier".** Hemm inghad hekk –

*Gia` intqal illi fil-fehma ta` din il-Qorti bejn il-partijiet kien ghad ma hemm ebda kuntratt konkluz imma kien hemm negozjati jew trattativi li eventwalment kellhom iwasslu, kieku tkomplew, ghal konkluzjoni ta` kuntratt. Issa anki jekk jinghad kif tghid is-socjeta` appellanti illi anki fil-fazi tat-trattativi tista` tezisit certa responsabilita` prekontrattwali jekk it-trattativi jigu interrotti kapricjosment (assumendo ghall-grazzja tal-argoment li din id-dottrina hi accettabbli fil-ligi taghna u li bhala fatt l-appellanti interrompew it-trattativi bla raguni gusta) ir-responsabilita` li jista` jkun hemm lok ghaliha skond l-awtoritajiet li gew sottomessi ghall-ezami tal-Qorti hi dik biss tar-rifuzjoni ta` certi danni konsistenti fil-mizura ta` dak li jissejjah interess negattiv. L-attenzjoni tal-Qorti ma giet attirata ghal ebda awtorita` u l-qorti stess ma taf bl-ebda principju li jghid illi parti wahda fit-trattativi jew negozjati ma ghandhiex dritt tirrecedi minnhom jew tinterrompihom sa kemm il-kuntratt ma jkunx gie konkjuz salv talvolta biss f`certi kazi (jekk tigi accettat t-teorija tar-responsabilita` prekontrattwali) dik ir-responsabilita` ghad-danni.*

Kuntrarjament ghal dak li jista` jiehu minn din is-sentenza, il-possibilita` ta` responsabilita` pre-kontrattwali fejn si tratta tal-Gvern ma gietx eskluza.

Kaz iehor kien deciz fis-26 ta` Novembru 1971 mill-Qorti tal-Appell (Sede Kummerc) fil-kawza "**Pullen pro et noe vs Matysik et**". Hemm il-Qorti laqghet it-talba ta` lattur u ddecidiet li l-agir tal-konvenut li kien propjetarju ta` lukanda u kien dahal fi trattativi ma` l-attur rigward il-kiri ta` boutique fil-lukanda u kwazi wasal fi ftehim, izda sussegwentement ta l-kirja lil terzi, kien jammonta ghal *culpa* ai termini tal-Artikolu 1031 tal-Kap. 16 u ghalhekk kien responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur bhala

konsegwenza ta` dan l-agir stante li l-Qorti tal-Appell rriteniet li l-konvenut f`dak il-kaz kien negligenti jew almenu imprudenti meta huwa assikura lill-atturi li kienu ser jiehdu l-kirja. Ghal dawk li huma danni kien rimarkat illi – "*it is clear that at law these are those flowing from the breach by defendant of his obligation arising from a valid agreement `de inuendo contractu`.*" Kien riaffermat il-hsieb tal-Ewwel Qorti fis-sens illi "*the damages to which plaintiffs are entitled are, however, to be restricted to the actual losses they incurred up to the time that the negotiations broke down whether they consist in actual expenses incurred or depreciation of material or otherwise but are not to include any profits which they would have derived from the concession of the boutique as in that way they would be benefitting from an obligation which never came into existence*."

Fil-kawza appena citata kien interessanti l-punt illi ghalkemm il-Qorti kienet waslet sabiex timputa htija *aquiliana* ghall-fatt li l-konvenut ma wasalx ghall-kuntratt, il-Qorti baqghet ma llikwidatx id-danni skond kif huma likwidati fil-kaz ta` *culpa* u cioe` *damnum emergens* u *lucrum cessans* izda llimitat ruhha ghall-ghoti ta` *damnum emergens*.

Anke din l-ambivalenza tal-Qorti hija prova tad-diffikulta` taghha li tasal biex tiddeciedi dwar istitut li ma kienx jaghmel parti mil-ligi taghna.

Min-naha taghha din il-Qorti tibqa` tghid anke fuq l-iskorta ta` dak li kien deciz mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tas-27 ta` Gunju 2008 illi dan ma kienx kaz ta` *culpa aquiliana* izda se mai ta` responsabilita` pre-kontrattwali.

Fil-kawza "**Cassar vs Campbell Preston**" deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-19 ta` Novembru 1971, minhabba l-fattispece partikolari tal-kaz, il-kuncett ta` *pre-*

*contractual liability* kien respint ghax dik id-dottrina ma tiffurmax parti mis-sistema guridiku Malti u ma kellhiex tkun accettata
ghaliex altrimenti hadd ma jidhol f`negozjati minhabba l-biza` li jista` jinstab responsabbli ghad-danni. Din il-Qorti tirrimarka li din is-sentenza hija *rara avis* ghaliex decizjonijiet ohra, kif rajna, li kien hemm qabel kif ukoll wara din is-sentenza ttraccjaw linja diversa u ma ghalqux il-bieb ghat-twettieq tal-kuncett.

Fil-kawza "**Grixti vs Grech**" deciza fit-3 ta` April 1998**,** din il-Qorti diversament presjeduta cahdet it-talbiet attrici ghal danni rizultanti minn responsabilita` pre-kontrattwali izda rriteniet li azzjoni simili setghet tintlaqa` fejn "*il-parti l-wahda li tkun inkorriet in buona fede certu spejjes, bl-aspettativa ta` ftehim vinkolanti bejnha u bejn parti ohra, u dik il-parti l-ohra li tkun b`kapricc u kwazi malafede jekk mhux necessarjament b`ingann jew b`qerq, itterminat in-negozjati fi stadju fejn il-kunsens reciproku tal-partijiet kien identiku dwar il-kundizzjonijiet essenzjali tal-ftehim, izda ma sehhx b`konsegwenza ta` dan il-kapricc*".

Imbaghad fil-kawza "**Busuttil vs Muscat noe"** deciza fit-28 ta` Ottubru 1998, din il-Qorti diversament presjeduta rega` rrifjutat it-teorija ta` responsabilita` prekontrattwali u rriteniet li m`huwiex accettabbli li persuna tigi misjuba responsabbli ghal danni talli ma kkkonkludietx ftehim. F`dan il-kaz il-Qorti rriteniet li sakemm ftehim jigi ffirmat, kull parti tista` tittermina n-negozjati minghajr konsegwenzi.

F`kaz iehor aktar recenti fl-ismijiet "**Portelli noe vs Falzon et"** deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-18 ta` Mejju 2001, inghad hekk –

*"Min jidhol f`negozjati ma` haddiehor bi hsieb li jikkonkludi kuntratt jista` jallega li kien `unfairly treated` u, kwindi, jitlob danni taht id-dottrina ta` `pre-contractual*

*liability`. F`dan il-kaz, pero`, mhux biss talba ghad-danni ma saritx, izda, lanqas ma jirrizultaw cirkostanzi ta` qerq da parti ta` lawtoritajiet. Biex wiehed jista` jirreklama danni f`dawn ic-cirkostanzi jrid*
*jipprova terminazzjoni ingustifikat tan-negozjati b`agir li kwazi jekwivali ghal dolus ; f`dan il-kaz dan ma jirrizultax."*

Linji simili hadet il-Qorti tal-Appell fil-kawza "**<u>Seguna et vs Kunsill</u>** **<u>Lokali Zebbug</u>**" deciza fit-3 ta` Ottubru 2008, fejn anke ghaliex dak kien kaz evidenti ta` *abuse of administrative discretion*, applikat it-teorija tal-*precontractual liability* ghaliex kienet pruvat mhux semplici *culpa* izda *dolo*.

**<u>Applikati</u>** l-principji li hargu minn din ir-rassenja gurisprudenzjali, din il-Qorti tghid li ma tistax ssib li kien hemm responsabilita` pre-kontrattwali da parti tal-konvenut.

Fil-kawza deciza minn din l-Onorabbli Qorti [diversament presjeduta] fit-2 ta` Ottubru 2001 fil-kawza fl-ismijiet <u>"**Vassallo Builders Limited vs Serracino Inglott noe et**"</u> [<u>**Citaz. Nru. 513/1996/RCP**</u>] kien inghad li :-

"*wiehed irid jiddistingwi bejn il-process tas-sejha tal-offerti jew it-tendering process u l-kuntratt ut sic tal-appalt, u ovvjament iz-zewg relazzjonijiet guridici ma humiex l-istess u lanqas identici, u ghalhekk ma ghandhomx jigu kkunsidrati bhala l-medesimi u cioe` wahda li tikkonsisti fil-procedura determinata li twassal ghall-konkluzjoni tat-trattattivi dwar is-sejha ghall-offerti u l-ohra sostantiva li tikkonsisti fin-negozju propju li jwassal ghar-relazzjoni guridika attwali u l-kuntratt finali bejn il-partijiet dwar ix-xoghol, servizzi jew fornituri ta` oggetti rikjesti"*

**Fil-kaz tal-lum, stabbilit illi ma tirrizultax *culpa ex contractu* jew *extra contractu*, din il-Qorti tghid illi <u>lanqas</u> ma rrizultat *culpa aquiliana, culpa ex delicto***

**jew *dolo* jew xi *abuse of administrative discretion* da parti tal-konvenut.**

**Lanqas ma rrizultat xi responsabilita` tal-konvenut li tista` twassal skond il-ligi ghall-ghoti ta` danni favur l-attur noe ghax kien eskluz mill-kompetizzjoni tat-tender de qua.**

**Ghalhekk din il-Qorti qeghda tichad l-ewwel talba attrici. Konsegwentement ma hemmx lok li din il-Qorti tghaddi ghall-konsiderazzjoni tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi -**

**Fl-ewwel lok, qeghda tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Art. 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**Fit-tieni lok, qeghda tilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenut fil-mertu.**

**Konsegwentement, fit-tielet lok, qeghda tichad it-talbiet kollha attrici.**

**Bl-applikazzjoni tal-Art. 223(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------